MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Numru 1028/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**
**vs**
**Antoine Mifsud u Isabella Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputati **Antoine Mifsud** ta’ 32 sena bin Emanuel u Lilian nee’ Spiteri, imwieled San Giljan, fil-21 ta’ Mejju 1970 u residenti 30, Triq il-Karwija, Kirkop; detentur ta’ l-karta ta’ l-identita numru 226270(m) u
**Isabella Mifsud** ta’ 32 sena bint il-mejtin Saviour u Salvina nee’ Cachia imwielda Attard fil-01 ta’ Ottubru 1970 u residenti 30, Triq il-Karwija, Kirkop, detentur ta’ identita numru 441570(m) akkuzati talli:

F’dawn il-gzejjer, fis-6 ta’ Novembru 2002 u fiz-zmien ta’ qabel, fil-fond Computek, Triq San Benedittu Kirkop, b’diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-

istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda.

a. xjentement qieghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghall-bejgh, jew importaw ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq u cioe' software tal-computers u dan bi ksur ta' artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor ipprocedew jew ikkopjaw jew bieghu, qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex qassmu xi artiklu jew xi haga ohra u cioe' software tal-computers bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe' l-Microsoft Corporation u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta' Mamo TCV Advocates rappresentata minn Dr. David Tonna LL.D. et hija rappresentanti, protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. b'hekk titqies li operaw minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghat-tenur ta' L.N. 120/92.

Semghet lill-imputati seduta stante jammettu l-akkuzi f'liema ammissjoni huma ippersistew anka wara li l-Qorti taghtom zmien biex jikkunsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkondisrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata taghhom issibhom hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom. Ikkonsidrat ic-cirkostanzi kollha u l-fedina penali rispettiva li hija netta ghaz-zewg imputati.

Rat l-Artikolu 298(1)(f), 298(b)(1) Kap 9 u A.L.120/92 u tiddeciedi li tikkundannhom multa ta' Lm300 komplessivament oltre li tikkundannhom ihallsu l-ispejjes

inkorsi fin-nomina ta' periti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------